KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 11_2/12/09 VI**

## MINUTI TAL ĦDAX-IL SEDUTA

**Il ħdax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa **2 ta' Diċembru 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Viċi Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |
| **Skuzat:** | **Nikki Dimech (Sindku)** |
| **Assenti:** | **Cyrus Engerer** |

Is-seduta bdiet fis-6pm ta' fil-għaxija b'din l-agenda u tmexxiet mil-Viċi sindku J. Gonzi minħabba li s-sindku ma setax jattendi.

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 09_14/10/09 u 10Ad hoc_28/10/09
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjon tal-pagamenti
6. Affarijiet Oħra
7. Deċiżjoni dwar id-data tas-seduta tal-kunsill li jmiss

### 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 09_14/10/09 u 10Ad hoc_28/10/09

1.1 Il-kunsillier J. Galea ippropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 09_14/10/09 filwaqt li l-kunsillier E. Cuschieri issekondah. Il-viċi sindku J. Gonzi u l-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, M. Debono, N. Gauci P. Pace ivvotaw favur. Il-minuti ġew approvati.

Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

1.2 Il-kunsilliera S. Camilleri pproponiet li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 10Ad hoc_28/10/09 filwaqt li l-kunsillier E. Cuschieri issekondah. Il-viċi sindku J. Gonzi u l-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur. Il-minuti ġew approvati.

Wara li ġew approvati l-minuti l-kunsillier M. Debono għamel *point of order* u talab lill-kunsilliera preżenti spjegazzjoni ta' x'ġara dawn l-aħħar ġimgħat fejn qal li ċertu affarijiet qegħdin isiru minn taħt u l-kunsilliera laburista qegħdin jiġu esklużi. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li jew il-kunsill se jaħdem bħala tim wieħed jew inkella nistgħu ma nagħmlu xejn. Il-viċi sindku J. Gonzi talbet li ma tgħaddiex kummenti u dawn għandhom jiġu mistoqsija lis-sindku meta jkun preżenti. Il-kunsillier M. Debono insista li din is-sitwazzjoni għandha tiġi ċċarata għax diġa l-kunsill mexa ħażin billi qatgħu wħud mil-kunsilliera barra u qal li huma żammew il-prudenza billi jistennew sal-laqgħa biex jiġu ċċarati l-affarijiet flok ma mxew mod ieħor u ħadu vantaġġ mis-sitwazzjoni. Il-viċi sindku J. Gonzi reġgħet qalet li ma tistax twieġeb għal dawn il-mistoqsijiet. Infurmat li hi saret taf li se tmexxi din il-laqgħa ftit qabel din is-seduta għal raġuni li s-sindku ma setgħax jattendi.

Il-kunsillier M. Debono talab kopja ta' l-ittra li ntbagħtet lis-segretarju eżekuttiv mill-kunsilliera nazzjonalista. Il-kunsillier M. Debono qal li hu ma jridx tensjoni u jrid jiċċara s-sitwazzjoni u mhux titkompla l-laqgħa qisu ma ġara xejn. F'każ li ma jkollux spjegazzjoni qal li hu mhux se jipparteċipa f'din il-laqgħa u jekk hemm bżonn isejjaħ *press conference.*

Il-viċi sindku J. Gonzi qalet li ma tixtieqx li tiġi ikkreata ċertu tensjoni fuq din il-mejda u attribwixxiet dan il-każ ma nuqqas ta' esperjenza u skużat ruħa.

Il-kunsilliera N. Gauci u M. Aquilina wkoll insistew għal spjegazzjoni.

Għaldaqstant il-viċi sindku J. Gonzi talbet jistgħux isiru dawk il-materji biss urġenti u l-laqgħa tieqaf hemm. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti dwar dan.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

Ma ġewx diskussi materji konnessi.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**

3.1 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-ispeċifikazzjonijiet għal ħruġ ta' tender dwar il-*photo voltaic cells* fejn il-kunsill f'seduta preċedenti iddeċieda li jistaqsi kunsilli oħra jekk nistgħux ikollna kopja ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet. Is-segretarju eżekuttiv informa li, il-kunsill li staqsa kopja tagħhom ma xtaqux li jgħaddu informazzjoni lil kunsill tagħna meta kienu ħallsu għalihom diġa. Kien hemm qbil fost il-kunsilliera preżenti li l-kunsill jistaqsi l-perit tal-kunsill biex jbgħatilna stima biex jagħmel dawn l-ispeċifikazzjonijiet u li jekk l-istima ma taqbiżx l-1165 ewro għandna nipproċiedu minħabba li l-kunsill marbut bi żmien li wasal biex jagħlaq.

3.2 Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti li l-ikla tal-Milied issir fit-13 ta' Jannar 2010. Għandhom jintalbu kwotazzjonijiet minn Ta' Kolina, Ta' Kris u Brazilian Restaurants għall-għażla ta' tlett set menus.

3.3 Il-kunsilliera preżenti ġew infurmati li għat-tiżjin tal-Milied din is-sena mil-ħwienet inġabru Euro 8795 meta s-sena l-oħra kienu nġabru Euro 8650, pero din is-sena nkludejna Triq Manwel Dimech kemm il-parti ta' fuq kif ukoll il-parti t'isfel. Il-kunsill ġie infurmat ukoll li ma kien hemm ebda offerta mitfugħa għas-sejħa li tlabna mil-*mobile companies* biex ikollna post ta' bejgħ allokat matul ix-xahar tal-Milied.

3.4 Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti li għandu jsir festin għall-ħaddiema, voluntiera, membri tas-sotto kumitati, gwardjani lokali, pulizija tad-distrett u oħrjan li huma involuti fil-kunsill, nhar il-Ħamis 17 ta' Diċembru, 2009 f'nofs in-nhar fl-uffiċċju tal-kunsill stess.

3.5 Il-kunsilliera preżenti unanimament qablu li l-laqgħa tal-kunsill li jmiss issir fis-17 ta' Diċembru, 2009 fil-5.30pm wara l-festin.

3.6 Is-segretarju eżekuttiv informa li kienet intbagħtet email lill-kunsilliera kollha dwar applikazzjoni PA 3289/09 tal-*Portopalo Restaurant* biex jiġi konvertit minn uffiċċju għal estensjoni tar-*restaurant* u ma kienx hemm risposti minn naħa tal-kunsilliera. Ġie rrimarkat li ż-żmien ta' l-oġġezzjoni issa għadda u għaldaqstant ma kienx hemm għalfejn li l-kunsill jissottometti xi kummenti.

3.7 B'referenza għal kontijiet li kienu ġew miżmuma għal verifika, il-kunsillier M. Debono qal li niżel fuq il-post mal-kuntrattur Tony Aquilina kull fejn sar ix-xogħol u qal li hu ma għandux għalfejn ikejjel imma jaf li sar ix-xogħol. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti li ċ-ċekk għandu jiġi mogħti lill-kuntrattur.

3.8 Ġie nnotat ukoll li l-kunsill irċieva ittra mill-avukat Anglu Farrugia dwar permessi dwar użu ta' krejn. Il-kunsilliera preżenti unanimament qablu li għandu jipproċedi bl-avukat.

*Il-kunsillier N. Gauci ġie skużat mis-seduta fis-6.35pm*

3.9 Il-kunsill ġie infurmat li irċieva l-ammont ta' Ewro 67850 mill-kumitat konġunt tal-gwardjani lokali għal perjodu mill-ewwel ta' Mejju sa' 31 t'Ottubru, 2009.

*Daħal lura il-kunsillier N. Gauci fis-seduta 6.38pm*

3.10 Il-kunsilliera preżenti ġew infurmati li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien għadda l-ammont ta' Euro 22384,97 tad-*disposal fees.* L-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali kienet bagħtet email fejn infurmat li dawk il-kunsilli lokali li qegħdin jirċievu l-*invoices* mingħand il-wasteserv u l-ammont huwa aktar minn dak l-ammont li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadda lill-kunsill, ma għandhomx iħallsu ta' l-ammont attwali imma jħallsu biss l-ammont ikkallkulat mingħajr il-VAT. L-AKL ħeġġet il-kunsilli lokali sabiex jfittxu jaslu għal ftehim ma waħda mill-iskemi ta' ġbir separat, jew ma *GreenPak* jew ma *Green MT.* Sadanittant il-kunsill irċieva ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informa li l-ġbir ta' skart mil-ħwienet għandu jitkompla. Is-segretarju eżekuttiv kompla jispjega li r-rati tad-dumping charges għal skart mħallat kien sar Ewro 20 it-tunnellata filwaqt li għall-skart separat, ir-rata hija ferm orħos skond kif kien spjegat fil-Memo 57/2009.

3.11 Il-kunsill qabel mat-talba ta' l-iskola St Frances, Sliema għal proposta ta' Eko skola li jħawwlu tliet siġar. Il-kunsillier M. Debono qal li dawn għandhom ikunu siġar indiġini.

**4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera**

Ma ġewx diskussi.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Kien hemm dawn l-emmendi: ċekk numru 10701 ġie kkanċellat minħabba li sar *mis print* fuq iċ-ċekk allura dan se jkun fl-iskeda li jmiss fil-*grey area* b'ċekk numru 10736. Ċekk numru 10670 l-ħlas huwa għax-xahar ta' Ottubru u mhux Settembru, 2009. Ċekk numru 10661 ġie kkanċellat u nħareġ ieħor numru 10737 f'isem *Nove Developments* minnflok Perit Elena Borg Costanzi.

Il-viċi sindku J. Gonzi pproponiet li tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10646 sa 10733 hekk kif emmendati. Il-kunsillier B. Cali issekonda. Il-kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur. Pagamenti ġew approvati bi qbil unanimu.

**6. Affarijiet Oħra**

6.1 Il-viċi sindku J. Gonzi tkellmet dwar l-attivita li kienet se tiġi organizzata għal żmien il-Milied. Il-viċi sindku qalet li issa l-kunsill qiegħed tard biex ikun jista jorganizza din l-attivita u s-sena dieħla inkunu rridu naħsbu minn Awwissu. Sadanitant il-kunsill qabel li ta' l-Arka jingħataw il-permess biex jekk iridu jorganizzaw din l-attivita minn naħa tagħhom.

6.2 Il-kunsillier J. Galea ppreżenta dokument mil-*website* tat-*Times of Malta* fejn ġie indikat li f'Tas-Sliema kien hemm 61 serqa li huwa wieħed mil-għola numri fil-preżent. Il-kunsill qabel li għandu jibgħat dan id-dokument lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn jinfurmawna bl-azzjoni li tkun ser tittieħed biex jitnaqqas is-serq.

6.3 Il-kunsillier N. Gauci irrefera għat-talba li kien għamel fl-aħħar seduta sabiex isir *double yellow line* quddiem il-garaxx fi Triq Falzon. Huwa qal li x'ħin sar dan, il-problema tiegħu ggravat għaliex qala ċitazzjoni minħabba li kien ipparkja hu stess. Wara dan kien ġie jitlob fl-uffiċċju tal-kunsill biex issir kaxxa safra minnflok quddiem il-garaxx. Xtaq jiċċara l-fatt li hu stess kien talab li ssir kaxxa safra minnflok *double yellow line* u qal ukoll li meta s-segretarju eżekuttiv iċċekja l-minuti u kienu jgħidu li għandu jsir *double yellow line* is-segretarju eżekuttiv talab li jsir *double yellow line* kif kien ġie deċiż oriġinarjament. Il-kunsillier staqsa tistax issir kaxxa safra minnflok id-*double yellow line*, kif hemm diġa f' bosta toroq oħra. Il-kunsill qabel li meta t-talba mil-kunsillier N. Gauci titressaq il-kunsill, din tintbagħat l-ADT u l-kunsill jiddeċiedi minn hemm. F'każ li din ma tiġiex aċċettata l-kunsillier N. Gauci talab biex jiġi investigat il-każ li hemm kaxxa safra quddiem garaxx fi triq fil-viċinanzi.

**7. Deċiżjoni dwar id-data tas-seduta tal-kunsill li jmiss**

Kif ġie deċiż qabel seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 17 ta' Diċembru, 2009 fil-5.30pm.

Is-seduta ntemmet fis-7.15pm.

**Joanna Gonzi**
**Viċi Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**